*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 16*

***3.00p.m 14 ta' Lulju 2020***

## *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

## *Assenti*

Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

## *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa u sar użu mill-messanger ukoll.

### *16.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

16.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija. *

## *16.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

16.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 15. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

16.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill qed jiġi mitlub li jkun fuq il-Bord tal-Planning Authority sabiex tiġi evalwata l-applikazzjoni tal-Kumpanija Falzon Group sabiex jitpoġġew ċilindri kbar tal-biofjuwil fi Triq il-Ħaddiem. Il-Kunsill Lokali tal-Marsa ser ikun qed joġġezzjona għal dan l-iżvillup minħabba l-impatt ambjentali negattiv fuq is-saħħa tar-residenti u l-irwejjaħ insapportabbli li jkun hemm b'dan it-tip ta' fjuwil. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li apparti min hekk it-track record ta' din il-kumpanija mhix waħda tajba hekk kif kien hemm problemi fl-imgħoddi fosthom bir-rimi ta' fjuwil u irwejjaħ. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal ukoll li fil-Program Elettorali tal-Kunsill iż-żona tal-Menqa hemm bżonn li jkun irriġenerat, u impjant tal-biofjuwil bħal dan żgur li mhux ser ikun qed jgħin għar-riġenerazzjoni tal-Menqa.

16.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-proġett tal-Isports Ground fil-Marsa ġie rtirat u li hemm biss applikazzjoni ta' restorant f'binja qadima fejn l-Isports Ground. Dwar il-bridges fil-lokalita', l-permess tagħhom ilu magħluq. Is-Sindku rrimarka li min issa l-quddiem il-*way forward* huwa li l-Kunsill ser ikun innotifikat eletronikament dwar kull zvilupp li jsir fil-lokalita' mill-Awtorita' tal-Planning Authority.

16.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dwar it-tema tal-Perit u l-monument tal-Isqof Baldacchino li ssemmiet fil-laqgħa preċedenti, s-Sindku qal li l-Perit kien tħallas biss tal-proġett tal-funtana fi Triq Isouard ma Qormi Road u mhux tal-permessi relatati mall-bust tal-Isqof Baldacchino. Sadanittant, il-proġetti ġew inkorporati iżda l-permessi tal-bust ma kienux ħarġu peress li l-Planning talab l-awtorizzazzjoni tal-ARTS Council u ta' Transport Malta, liema awtorizzazzjoni min Transport Malta qatt ma ntbgħatet. B'hekk l-unika triq li kellu jieħu l-Kunsill huwa jibgħat is-sanctioning tal-proġett.

16.3.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li sabiex tinkera' s-sala tal-Kunsill hemm bżonn li l-Kunsill ikollu bye-law li jirregola dan u b'hekk ser ikun importanti li din it-tema titla' fis-seduta li jmiss sabiex ikun hemm qbil dwar id-dettalji ta' kif ser tkun qed tinkera' s-sala tal-Kunsill.

16.3.5 Finalment is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li kellu laqgħa mall-kumpanija C&F Contractors hekk kif dawn ma tħallsux l-ammont ta' flus mhux biss fuq l-invjar imma wkoll fuq xogħolijiet oħra relatati mall-proġett tal-bini tal-Kunsill. Is-Sindku ser ikollu laqgħa mall-Perit sabiex ikun hemm breakdown ta' dawk il-flus li l-Kunsill jista' jħallas u dawk li ser jinżammu minħabba xogħol ħażin li sar fl-imgħoddi.

## *16.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

16.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ressaq ritratti fuq il-mejda tal-kamra dwar ammont kbir t'ilma li qed jinħela fuq it-toroq ta' taħt il-Kunsill, iġifieri fi Ġnien 6 t'Awissu. Huwa wera' ritratt ieħor ta' Triq Feliċjan Bilocca dwar l-ammont ta' skart li qed jintefa' f'dik l-akwata. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-kuntrattur tal-ġonna qed jieħu ħsieb biex b'mod regolari jissaqqew is-siġar u l-pjanti u fl-istess ħin jinħasel Ġnien 6 t'Awissu. Iżda ser jinforma l-kuntrattur biex minkejja li jaqdi dmiru jieħu ħsieb li ma jkunx hemm ħela t'ilma. Dwar Triq Feliċjan Bilocca l-Kunsill jista'jpoġġi l-cameras ta' Triq il-Jum għat-Triq imsemmija kif ikkonferma l-Kunsillier is-Sur Francis Debono.

16.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li hemm bżonn li l-Kunsill ikollu laqgħa mall-Ispettur sabiex jiġi diskuss fost afarijiet oħra l-issue tal-Bye Law dwar ix-xorb alkoħoliku fil-lokalita', hekk kif din il-liġi mhix qed tiġi osservata. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel li din it-tema trid tiġi ndirizzata mall-Ispettur tal-lokalita'.

16.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill irid jieħu stand dwar kif jingħataw il-permessi hekk kif il-liġi hija ċara li huwa l-Kunsill li jagħti l-approvazzjoni tiegħu u mhux il-Pulizija. Dan qalu wara d-diskors tas-Sindku s-Sur Josef Azzopardi dwar kif fil-korrispondenza ta' dawn l-aħħar jiem bejnu u bejn is-Supratendent tad-distrett u l-Ispettur kienu qed jitolbu li l-ewwel ikunu nnotifikati huma qabel ma jinħareġ permess mill-Kunsill, sistema li qatt ma kienet titħaddem mill-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li bdan il-mod zammew is-saħħa tal-permess il-Pulizija. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ikun qed jinforma l-Assoċjazzjoni dwar dan sabiex kif stipulat fil-liġi l-Kunsill ikompli joħroġ il-permessi kif dejjem sar.

16.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono staqsa dwar kif il-Kunsill wasal għall-konklużjoni sabiex it-tender jingħata lill-kuntrattur WM Environmental fis-seduta preċedenti meta dan kien l-ogħla wieħed. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dakinhar il-Kunsill qabel mar-rapport li ressaq il-Bord t'Evalwazzjoni u peress li t-tender huwa bil-BPQR (Best Price Quality Ratio) il-Kunsill mhuwiex obbligat bil-liġi li jagħżel l-orħos offerta minħabba li jidħlu kriterji oħra waqt l-evalwazzjoni.

16.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li fiż-żona tal-korsa mhumiex qed jiġu onorati t-tabelli minkejja li l-Kunsill ilu jipprova jġib ordni fiż-żona. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li hemm problema dwar nuqqas ta' pulizija u ta' wardens u b'hekk ta' infurzar. Madanakollu ser ikun qed jinforma sew il-pulizija u l-gwardjani lokali dwar dawn il-problemi u nobbligawhom jagħmlu l-enforcement neċessarju f'dawn l-akwati.

16.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li apparti miż-żona tasl-korsa hawn problema kbira t'immigranti li qed jorqdu barra f'postijiet fejn hemm kumpaniji u li dawn qed jgerrxu l-investituri li qed jiġu fil-lokalita'. Il-Kunsillier talab li ssir laqgħa mas-Supratendent tad-distrett. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill jista' jagħmel laqgħa dwar dan.

16.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-Kunsill għandhu Bye Law dwar it-tlajjar u għalhekk huwa illegali li jkun hemm tlajjar fil-lokalita' Apparti hekk hemm bżonn li jibdew jinżlu l-ispetturi tal-ETC sabiex jagħmlu l-enforcement min naħa tagħhom ukoll. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma din il-proposta u l-Kunsill ser ikun qed jaħdem fuqha.

16.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li dwar in-nuqas t'ordni li hemm fiż-żona tal-korsa jistgħu jitweħħlu kameras waqt it-tiġrijiet taż-żwiemel sabiex jibdew jingħataw iċ-ċitazzjonijiet. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill jista' jibda jiddentifika fejn dawn jistgħu effettivament jitqegħdu

16.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia qal li qed jesplora opportunitajiet sabiex issir l-attivita' għall-anzjani f'24 t'Awissu u liema attivita' kellha tiġi posposta għal diversi drabi minħabba l-Covid-19. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li peress li ma fadalx wisq żmien ikun għaqli li mmexxu bi prezzijiet li ġew deċizi fl-laqgħat preċedenti filwaqt li huwa importanti li jiġu segwiti l-pariri tal-awtoritajiet tas-saħħa.

16.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer xtaq ifakkar lill-Kunsilliera kollha li nhar il-Ħadd li ġej mit-8.00p.m il-quddiem ser ikun hemm l-atttivita' Annwali ta' Bridgwater li għal din is-sena ser issir online u li fiha ser ikun hemm feature tal-lokal bl-Ingliż. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ħeġġeġ lill-Kunsilliera kollha sabiex min ikun jista' jattendi u qal li tkun ħaġa tajba li l-Kunsill ikollhu feature li dejjem jidher f'attivitajiet bħal dawn.

## *16.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

16.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 07/2020 annessa. Wara li ħadd mill-membri l-oħra preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti..

## *16.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

16.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li teatru Gallerija huwa teatru tat-triq li jista' jsir f'diversi toroq tal-lokalita' u li jinkludi xenetti komiċi qosra. Il-prezz għall-sitt performances kif talab il-Kunsill ser ikun ta' madwar €1,300. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

16.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Bank of Valletta qed titlob sabiex ikun hemm deċiżjoni fil-Kunsill dwar l-użu tal-EPOS machine. Il-Kunsill qabel ma din id-deċiżjoni, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot kien unanimu.

16.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li s-Sinjura Zammit f'isem l-organiżazzjoni tal-Pelegrinaġġ ta' Ħaż Żabbar qed tistaqsi jekk hux possibbli l-Kunsill jipprovdi żewġ mobile toilets fl-akwata ta' Triq Aldo Moro. Apparti dan huma jixtiequ jieħdu ritratti fl-akwata tal-Knisja tat-Trinita' sabiex jippromwovu l-lokalita'. Is-Sindku xtaq li jekk hemm qbil apparti l-mobile toilets jingħataw bukkett fjuri tal-okkazjoni u li bħala Kunsill nirriklamawa. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ħareġ mis-seduta fil-4.20p.m

## *16.7 Triq alternattiva flok tarmac fi Triq Azzopardi*

16.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li filwaqt li Triq Azzopardi hija l-aħħar triq skedata min Infrasturture Malta sabiex issir bit-tarmak, hemm proġett fl-istess triq u li din ser tieħu madwar sena. B'hekk it-triq ser ikollha tinqala' mill-ġdid minħabba s-sistema tad-drenaġġ u l-ilma. Għaldaqstant kien hemm diskussjoni mall-Perit ta' Infrastructure Malta sabiex jagħtu l-Kunsill il-possibilita' li jkun hemm triq alternattiva. Is-Sindku ssuġġerixxa li t-triq alternattiva tkun Triq il-Pitkali u it-trejna biswit il-paroċċa tas-Ssma. Trinita'. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu oġġezzjoni għal dan, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *16.8 Deċiżjoni t'ismijiet ta' Toroq fi Triq it-Tiġrija*

16.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Membri tal-Kunsill li fuq talba tal-kumitat għat-tismija tat-toroq saret laqgħa fejn ġew diskussi żewġ toroq li attwalment huma parti min Triq it-Tiġrija, madankollu dawn it-toroq huma distinti għaliex huma fergħat ta din it-triq, B'hekk ġie maħsub li l-ismijiet ta' dawn it-toroq jinbidlu u dik li qegħda mall-bini tal-Gvern tissemma Triq Patrti Donat Spiteri, li huma Capuccin li ħadem ħafna għall-lokalita' tal-Marsa u l-oħra li qegħda man-naħa l-oħra tat-triq tissemma bħala Triq La Cassiere, li kien il-Grammastru li kien xtara l-fewdu tal-Marsa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issuġġerrixa sabiex il-Kunsill jiltaqa' mall-Ministru tal-Kultura sabiex permezz ta' fondi mill-Ewropa jkun hemm Heritage Trail fil-Marsa fejn propju aktar nies issiru jafu fl-istorja ta' din il-lokalita'. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur din il-proposta kien wieħed unanimu.

## *16.9 Mafkar Anton Cassar u mafkar Patri Mario Azzopardi*

16.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li bħalma ġieli ġie diskuss f'seduti preċedenti dwar il-finanzjament tal-busti fil-lokalita' ikun hemm benchmark ta' €3000 sabiex jitlestew il-busti ta' Anton Cassar kif ukoll dak ta' Parti Mario Azzopardi. Is-Sindku qal li ser ikun qed jitkellem mall-Perit sabiex isiru l-arranġamenti kollha mall-Planning Authority sabiex qabel ma dawn jitweħħlu

jkun hemm il-permessi kollha meħtieġa. Apparti dan ser jitweħħlu fittings tad-dawl sabiex il-busti jkunu mdawwla matul il-lejl. Meta dawn il-busti jitweħħlu ser ikun hemm bżonn taż xogħol ta' kordinazzjoni mall-għaqdiet ikkonċernati peress li fl-istess triq ikun hemm l-armar tal-festa. Is-Sindku rrimarka li l-ammont ta' fondi ser ikunu ta' mhux aktar min €3000 u jistgħu jintefqu fuq il-bust u anke il-fittings imsemmija. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *16.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

16.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.00pm u ġiet aġġornata għall-11 t'Awissu fit-3.00pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv

**Il-Kunsilliera s-Sinjura Charmaine Aquilina bgħatet nota lis-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ftit qabel l-laqgħa li ma setgħetx tattendi l-laqgħa minħabba raġunijiet familjari. Madankollu waqt l-ħin tal-laqgħa l-apoloġija tagħha ma nqratx peress lis-Sindku ma kienx qara n-nota.*